**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Ergha, 14 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 48/17 CZ**

**GO p.lc. (C 22334)**

**vs.**

**Klaudia Bencsik (Passaport Numru BB9363118)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 ta' Jannar 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin Euro u hamsa w hamsin centezmu (€625.55) dovuti in konnessjoni ma' servizzi elettronici u ta'

komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta fuq akkont li jgib in-numru AC40317535.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas ta’ l-ammont surriferit, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghahekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentax risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin Euro u hamsa w hamsin centezmu (€625.55), bl-imghaxijiet kif mitlub. L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur